TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 98/14 (JE).

Natalizia Camilleri

vs

Maltapost p.l.c. (C 22796).

Illum, 15 ta' Settembru 2014.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Natalizia Camilleri tas-6 ta' Mejju 2014 fejn stqarret illi fid-9 ta' Settembru 2013 ġabret "mobile" HTC Sensation mill-posta tal-Mosta. Dakinhar stess indunat illi hu difettuż u fetħet claim mal-PayPal peress illi l-bejjiegħ ma rrispondihiex. PayPal talbu lill-attriċi biex tibgħat il-"mobile" lura b'posta reġistrata u tipprovdi l-"online tracking information" fi żmien għaxart ijiem. Talbu ukoll prova konkreta illi l-"mobile" wasal għand il-bejjiegħ. L-attriċi marret l-uffiċju tal-Maltapost fil-Mosta fit-13 ta' Settembru 2013 u għamlet dak mitlub minnha minn PayPal. Madankollu, l-attriċi ġiet infurmata minn PayPal fis-17 t'Ottubru 2013 illi l-ilment tagħha ma' ġiex aċċettat għax ma kien hemm l-ebda prova illi l-"mobile" wasal għand il-bejjiegħ. L-attriċi talbet konferma dwar dan mingħand is-soċjetà konvenuta imma tali konferma ma ngħatatx u għaldaqstant, talbet ir-riżarċiment tad-danni mingħand is-soċjetà konvenuta għax minħabba l-inadempjenza tagħha, it-talba tagħha lil PayPal ma ntlaqgħetx.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta li biha preliminarjament eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal peress illi hija m'hix responsabbli għall-ħlas ta' l-ebda danni minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja jew dewmien jew ħsara lil xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta a tenur ta' l-artiklu 29 tal-Kap. 254. Fit-tieni lok, l-attriċi għandha tipprova illi hija segwiet l-istruzzjonijiet mogħtija lilha minn PayPal. L-attriċi għandha tipprova ukoll illi s-soċjetà konvenuta naqset mill-obbligi tagħha fil-konfront tal-attriċi kif ukoll tispeċifika fuq liema bażi u b'liema dritt hija ntitolata għall-kumpens mingħand is-soċjetà konvenuta. Bla preġudizzju għal premess, is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll illi l-oġġett postali in kwistjoni ġie kkunsinjat lid-destinatarju fl-20 t'Ottubru 2013 u l-attriċi ġiet debitament avżata b'dan. Finalment, fl-eventwalità ta' kumpens, tali kumpens m'għandhux jeċċedi tletin (30) Special Drawing Rights ekwivalenti għal ħamsa u tletin euro erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€ 35.44) skond ir-regoli tal-Għaqda Postali Universali.

Ra ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-fattispeċie ta' dan il-każ huwa pjuttost differenti minn każijiet oħra illi ġew quddiem dan it-Tribunal illi nvolvew lis-soċjetà konvenuta. Ma saret l-ebda allegazzjoni f'dan il-każ illi l-attriċi ngħatat xi informazzjoni ħażina dwar is-servizz ta' posta reġistrata. Jidher ukoll illi l-oġġett in kwistjoni ġie effettivament ikkonsenjat, sfortunatament għall-attriċi, ftit jiem wara illi PayPal għalqu l-każ illi kienet fetħet. Madankollu, ma saret l-ebda allegazzjoni illi s-soċjetà konvenuta b'xi mod intrabtet illi tikkunsinna l-oġġett postali f'xi terminu. L-attriċi jidher illi m'infurmatx ruħha biżżejjed kif l-aħjar tibgħat l-oġġett postali in kwistjoni ċ-Ċina u qagħdet fuq l-istruzzjonijiet ta' PayPal, liema struzzjonijiet probabilment kienu jkunu adekwati għal bosta pajjiżi imma ma kienux adekwati fil-każ odjern.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad it-talba tal-attriċi bl-ispejjeż.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.